

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2286****tat-8 ta' Diċembru 2015****li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni rreġistrata fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Belokranjska pogača (STG)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tas-Slovenja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċjalità tradizzjonali garantita "Belokranjska pogača", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 182/2010 <sup>(2)</sup>.
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emenda fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(3)</sup>, kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(b) tar-Regolament imsemmi.
- (3) Billi l-Kummissjoni ma waslitilha ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda fl-ispeċifikazzjoni għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tikkonċerna d-denominazzjoni "Belokranjska pogača" (STG) hija b'dan approvata.*Artikolu 2*Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 182/2010 tat-3 ta' Marzu 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Belokranjska pogača (STG)] (ĠUL 53, 4.3.2010, p. 1).<sup>(3)</sup> ĠU C 224, 9.7.2015, p. 8.